**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 216/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

***-Omissis-***

**Ryan Refalo**

Illum, 1 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra, *Omissis*, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 26695M, u Ryan Refalo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 187192M, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, talli nhar it-22 t'Ottubru 2022 għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (16:45hrs) u l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30hrs) ġewwa Ta' Qali, Ħ'Attard, hekk kif intemmet il-partita futbol bejn Ħamrun Spartans FC u Mosta FC –

i) Bil-ħsieb li jagħmlu delitt u ċioe' mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew jqiegħdu il-ħajja ta' Melchiore Dimech, f'periklu ċar, ikkaġunaw offiza ta' natura ħafifa skond kif ġie iċċertifikat minn Dott. Ryan Camilleri MD Reg. No. 3872 tal-Isptar Mater Dei u/jew diversi tobba oħra;
ii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jobdu l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilhom minn diversi uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed

jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallewhomx jaqdu jew fixklu jew indaħħlu lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

iii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamlu inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kienu ipprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

iv) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għad illi kienu xurbana, qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti jew għamlu atti jew ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offendew il-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika;

v) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kissru l-paċi u l-ordni pubblika b'għajjat, storbju u ġlied;

vi) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kienu ħerġin minn grawnd tal-isports, uzaw kliem offensiv jew ġabu ruħhom abbuzivament.

Lil Ryan Refalo waħdu:

vii) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xewwex ġemgħa ta' nies illi hekk imxewxa inġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex għamlu reat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti :

(i) Fil-konfront ta' *Omissis*, wara li rat Artikolu 7, 214, 215, 221(1), 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(e) ral-Kapitolu 9 u Regolament 7 u 9(1) ta' L.S. 10.33 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontrih u kkundannatu għal piena ta' sena priġunerija, illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospizi għall-perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza, kif ukoll għall-ħlas ta' multa għas-somma ta' tmien mitt Ewro (€800);

(ii) U fil-konfront ta' Ryan Refalo, wara li rat Artikolu 7, 68, 214, 215, 221(1), 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u Regolament 7 u 9(1) ta' L.S. 10.33 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontrih u kkundannatu għal piena ta' sena priġunerija, illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza, kif ukoll għall-ħlas ta' multa għas-somma ta' tmien mitt Ewro (€800).

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti rabtet lill-ħatja *Omissis* u Ryan Refalo b'Ordni ta' Protezzjoni għal zmien tlett snin

mid-data tas-sentenza għall-protezzjoni ta' Melchiore Dimech. Inoltre, il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, rabtet lil ħatja *Omissis* u Ryan Refalo b'garanzija personali ta' €2,000 kull wieħed għal zmien sena mid-data tas-sentenza u dan billi ma jimmolestawx, ma jdejjqux u ma jinġurjawx lill-parte ċivile Melchiore Dimech.

Rat ir-rikors tal-appellant, Ryan Refalo, ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil Qorti tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Ġunju 2023, billi tikkonfermha fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha addebitati u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu l-piena ta' sena priġunerija sospiża għall-tlett snin u tikkonferma l-bqija tas-sentenza u tipprovdi għall-piena alternattiva u aktar idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju uniku, liema aggravju huwa marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu, u ċioe' dik ta' sena priġunerija, liema terminu ta' priġunerija kien sospiż għal żmien tlett snin bis-saħħa ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminalil flimkien ma' multa' ta' €800, kif ukoll ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal tlett snin u garanzija personali ta' €2,000 għal terminu ta' sena favur il-parti leża Melchior Dimech. Jisħaq illi din il-piena hija eċċessiva tenut kont l-ammissjoni bikrija tiegħu u l-fedina penali nadifa, kif jemerġi wkoll mill-*pre-sentencing report* mħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia fejn kien rakkomandat piena fil-komunita' pemrezz ta' ħruġ ta' Ordni ta' Probation, ma' liema rakkomandazzjoni kien hemm anke qbil mal-Prosekuzzjoni. Tgħid hekk l-Uffiċjal tal-Probation fir-rakkomandazzjoni tagħha:

> **"Għaldaqstant fuq il-punti fuq imsemmija hu suġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li Ryan Refalo jingħata sentenza b'superviżjoni li tinkludi Ordni ta' Trattament sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa jiġu trattati trawmi tal-passat li jistgħu jaffettwawh 'il quddiem."**

Illi, jibda biex jingħad illi minn eżami tal-atti dan l-allegat ftehim dwar piena jew patteġġjament bejn id-difiża u l-Prosekuzzjoni ma jemerġi minn imkien fil-proċess. *In oltre*, kif spiss affermat l-qrati mhumiex obbligati li jzommu ma' ftehim li jkun intlaħaq bejn il-partijiet jew saħansitra ma' patteġjament ppreżentat mill-partijiet. Di fatti, l-Artikoli 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali jistipula illi –

> **(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.**
>
> **(6) <u>Il-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)</u>. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**
>
> **(7) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikunammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.**

Illi mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2023 jirriżulta illi, wara li l-appellant, debitament assistit, irreġistra l-ammissjoni tiegħu, id-difiza talbet li jitħejja *pre-sentencing report*, liema talba kienet milqugħa mill-Ewwel Qorti. Wara li l-istess *pre-sentencing report* ġie pprezentat mill-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia nhar it-18 t'April 2023, "**il-Qorti semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet**" u ddiferiet il-kawża għas-sentenza. Minn imkien ma jirrizulta li fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġie pprezentat rikors konġunt ta' patteġjament mill-partijiet fit-termini ta'l-

artikolu 392A hawn fuq iċċitat. Kif lanqas ma jirriżulta mir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rapport tagħha illi kien qed ikun minnha suġġerit il-piena fil-komunita konsistenti f' Ordni ta' *Probation*[1], għalkemm tissuġerixxi sentenza b'superviżjoni.

Illi dwar in-natura tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jiġi imfakkar kif stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza, illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[2]

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena imposta fuq l-appellant kienet filfatt waħda fil-parametri tal-liġi kif ukoll waħda legalment u raġonevolment valida, u mhux eċċessiva, u li tirrispekja l-fattispeċi tal-każ. Illi, l-Ewwel Qorti erogat piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva meta għoġobha tagħti piena sospiża ta' priġunerija fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti ebda raġuni li tista' twassalha tvarja il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi magħdud dan, madanakollu dina l-Qorti ma tistax taqbel mad-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti, fejn din ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal żmien tlett snin favur il-parti leża fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Illi, din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet saħħqet illi l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali isib applikazzjoni biss *pendente lite*. Dan għaliex tali Ordni tista' tinħareġ biss fil-konfront ta' persuna "**akkużata**" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "**ħatja**" u dan ai termini ta' l-istess dispożizzjoni tal-Liġi. Il-Qorti għandha s-setgħa biss illi mad-deċizjoni finali tagħha tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fit-termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Ordni maħruġa ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali ma ssibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' ħtija.

[1] Ara rapport Dok. MRF1 a fol.87 et seq.

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Għal dawn il-motivi kollha suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa', *in parte*, l-appell mressaq mill-appellant, u tgħaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Ryan Refalo ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u

ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellant Ryan Refalo piena ta' sena priġunerija, illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kienet sospiża għall-perijodu ta' tlett snin mid-data ta' din is-sentenza kif ukoll għall-ħlas ta' multa għas-somma ta' €800; u

iii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn rabtet lill-appellant Ryan Refalo b'garanzija personali ta' €2,000 għal żmien sena mid-data ta' din is-sentenza illi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jinġurjax lill-parte ċivile Melchiore Dimech; u

iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ġiet maħruġa Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal zmien tlett snin mid-data tas-sentenza għall-protezzjoni ta' Melchiore Dimech, billi din id-disposizzjoni tal-liġi ma ssibx applikazzjoni f'każ ta' kundanna.

Il-Qorti għal kull buon fini terġa' twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Edwina Grima

Imħallef